SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2011 fis-2:00 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:*

John Mercieca
Joseph Sultana
Luigia Grima

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Studju għall-family park**

3.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li dan il-proġett ma jistax isir din is-sena taħt l-iskema Eko-Għawdex pero jekk il-kunsill jixtieq li jwettaq dan il-progett fil-futur qarib xorta waħda jridu jsiru xi studji meta eventwalment niġu biex inressqu l-proġett quddiem il-MEPA. Minn stima li nġabret ta' kemm jiġu jiswew dawn l-istudji, l-istima ntelgħet għal madwar €10,000. Is-Sindku talab lil kunsilliera x'jaħsbu,

jekk noħorġux offerta biex sadanittant nippreparaw għal dan il-proġett. Kien hemm qbil unanimu li għandha toħroġ l-offerta.

**4.0 Kunċert mill-orkestra nazzjonali**

4.1 Is-Sindku rrefera għal-offerta magħmula mill-Orkestra Filarmonika Nazzjonali sabiex isir kunċert fil-Knisja nhar is-27 ta' Mejju 2011. Huma talbu li bħala spejjes kullma għandna nħallsu huwa t-trasport f'Għawdex jew inkella l-ispejjes tal-vapur.

4.2 Il-Kunsill qabel li għandu jaccetta din l-istedina u li jħallas l-ispejjes tat-transport f' Għawdex.

**5.0 Offerti konnessi mal-proġett EAFRD 323**

5.1 Is-Sindku rrefera għall-proġetti marbuta mal-Mizura 323 taħt l-EAFRD. Is-Sindku semma li issa li l-permess tal-proġett tal-pjazza ġie approvat mill-MEPA, inħarget l-offerta għall-pubbliku għall-proġett tal-pjazza. L-offerta ser tagħlaq fis-6 ta' Ġunju f'nofsinhar. Dan qed isir skont l-ftiehem li gĦandna mal-Unjoni Ewropeja. Il-kunsillier John Mercieca ssuġerixxa li l-pjanta kif inhi tiġi mmarkata mal-art qabel ma jinbeda x-xogĦol. Isemma li għandna nkellmu lill-perit dwar din il-proposta.

**6.0 Film fid-Dwejra**

6.1 Is-Sindku rrefera għat-talba mingħand Mr Ravi Rube rigward ġbid ta' filming Sinbad għal ftit jiem fid-Dwejra. – Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjonili jsir dan kemm il-darba il-kumpanija takkwista l-permessi neċessarji tal-MEPA. Il-Kunsill qabel ukoll li barra minnhekk għandu jibgħat ukoll il-kundizzjonijiet li l-Kunsill s-soltu jimplimenta f'dawn il-kundizzjonijiet. Sar qbil ukoll li f'kaz ta' extras jew għajnuna nħeġġuhom biex kemm jista jkun juzaw nies mil-lokal.

## 7.0 Aġġornament tal-Website

7.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li wasal iż-żmien li l-website tal-Kunsill li tiġi updated u wkoll għal fatt li kif inhi preżentament qed niddependu ħafna mill-webmaster biex nappdejtjawha. Il-Kunsill qabel li għandna nġibu stima dwar kemm tiswilna biex tiġi updated kif meħtieġ u jkollna aċċess akbar għal tibdil li nkunu rridu nagħmlu minn żmien għall- żmien.

## 8.0 Materji oħra

8.1 Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex isir sealing ta' tappiera tad-drenaġġ fi Triq il-Wileġ.

8.2 Il-Kunsill iddiskuta l-ilment li daħal li resident kien qed iħoll il-lampi tal-fanal ta' Triq Nicholas Monsarrat u minħabba dan għamel żmien ma jixgħelx. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra biex jiġbidlu l-attenzjoni biex ma jkomplix jagħmel, kemm għaliex dik hija propjeta' pubblika kif ukoll għaliex dan jista' jkun ta' periklu.

8.3 Sar qbil ukoll li għandna nqabbdu lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu manutenzjoni lill-bandli tal-playing field.

8.4 Sar qbil li għandna nibgħatu reminder lill-Enginiera Enemalta rigward il-manutenzjoni meħtiega fl-arblu tad-dawl fi Triq il-Wileġ.

8.5 Sar qbil li għandna nkomplu nirranġaw il-passaġġ li jwassal għal qawra fid-Dwejra .

**9.0 Approvazzjoni tal-Pagament.**

9.1 Ġiet preżentata skeda tal-pagamenti u rċevuti fi hdan il-Kunsill għal perijodu ta' bejn it-30 ta' Marzu u s-26 t'April 2011. Il-Kunsill approva l-pagamenti biex jinħareġ il-pagament tagħhom.

Il-laqgħa ntemmet fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***